# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## IS-SANTWARJU DEDIKAT LIL ADDOLORATA GEWWA SPIAZZI F'VERONA



Is-santwarju tal-Madonna della Corona gewwa Spiazzi f'Verona huwa post li jistieden lid-devot marjan biex ghal anqas darba f'hajtu jzurhu u jghaddi ftit tal-hin migbur ma' Marija.

Hawn hija meqjuma statwa inkurunata ta' l-Addolorata (Madonna della Corona) li kienet imnaqqxa fil-gebel fis-sena 1432 u b'mod inspegabbli sabet ruhha mal-gnub tal-muntanja Baldo fis-sena 1522.

Jinghad skond il-leggenda li din l-istatwa ta' l-Addolorata ghebet minn Rodi meta it-Torok waslu fis-sena 1522 biex sabet ruhha b'mod li ma jitfissirx matul il-lejl gewwa Spiazzi. Id-dawl qawwi u l-kor ta' muzika laqghtu l-attenzjoni tal-popolazzjoni tal-muntanja.

Huma marru fil-lok fejn kienet l-istatwa gibduha bil-hbula sa fuq nett tal-muntanja u qeghduha f'kappella ta' l-injam. Matul il-lejl l-istatwa regghet marret fil-post fejn dehret l-ewwel darba. In-nies tal-muntanja meta raw hekk riedu jirrispettaw ir-rieda tas-Sinjura u bdew jibnu kappella fil-blat. Din naturalment hija l-leggenda tal-Madonna della Corona.

Izda tifsira ohra li titwemmen aktar hija spjegata permezz ta' iskrizzjoni fuq il-pedestal.

L-istatwa kienet donazzjoni minn Castelbarco lil eremiti li sa minn zminijiet qabel kienu jghixu qrib il-lokal ta’ Corona. Madwar dan is-simulark twieldet din id-devozzjoni lejn l-Addolorata li tant xerdet grazzji fuq dawk li resqu lejha matul iz-zminijiet.

Fil-bidu kienet tezisti knisja zghira santwarju ftit metri taht il-livell ta’ dik attwali. Ma kienitx akbar minn kamra. Din il-kapella kienet inawgurata fis-sena 1530 wara iz-zjara gewwa Corona mill-isqof ta’ Verona Mons Gian Matteo Giberti li sehhet fis-sena 1530.

Minn dak iz-zmien saru diversi interventi biex f’post hekk ristrett u difficli biex jintlahaq, issir knisja santwarju addatata biex tilqa’ il-pellegrini li b’mod numeruz kienu jersqu lejn il-Madonna ta’ Corona, La Pieta, biex jonorawha. Kull bicca xoghol li saret kienet tirrekjedi pacenzja u zmien. Sas-sena 1922, is-sena li fiha saret il-galleria jew triq fil-muntanja, il-materjali kollu mehtieg ghall-bini kien jitnizzel mill-quccata tal-hitan blat permezz tal-hbula u tarjoli ta’ l-injam mahduma bil-ghaqal u sengha bl-ingranagg.

Il-knisja ta’ qabel dik attwali kienet tas-seklu XVII, imbdiet fis-sena 1625 u intemmet fis-sena 1680 u baqghet hekk sas-sena 1898 meta gie mahsub biex titwessa’ aktar b’madwar zewg metri. F’dik ic-cirkustanza l-faccata saret mil—gdid u giet dekorata mill-irham provdut minn Sant Ambrog ta’ Valpolicella. Fis-sena 1928 saru xi rtokki fuq l-artal maggur biex jaghtu dehra isbah lin-nicca tal-Madonna u ghalhekk l-injam gie mibdul ma’ l-irham.

Fis-snin 1946 -49 gie imhaffer il-blat wara l-artal maggur u fuq il-presbiteru. B’konsegwenza ta’ dan il-presbiteru sar aktar wiesgha. L-artal u n-nicca gew kompletament trasformati. Sar aktar tibdil fis-sena 1975 biex ftit snin wara t-tempju ha l-aspett li ghandu l-lum.

L-akbar opra delikata kien it-thaffir fil-blat biex ikabbru l-knisja minn 220 metri kwadri ghal 600 metru kwadru. Is-santwarju gie kkonsagrat fl-4 ta’ Gunju 1978 biex intemm ghal kollox fl-okazzjoni tal-vizta appostolika tal-Papa Giovanni Pawlu II fis-17 ta’ April 1988. B’kollox is-santwarju ta’ l-Addolorata hu 30 metru twil, 20 metru wiesgha filwaqt li l-koppla hija 18 il-metru gholja.

Sabiex wiehed jasal ghas-Santwarju jehtieglu jghaddi minn trejqa imhaffra fil-muntanji, daqqiet b’numru ta’ tarag biex jasal fil-livel l-iehor. Ghal min hu b’sahhtu kulhadd jista’ iterraq dan il-vjagg, veru harga alpinista. L—unika diffikulta’ hija x-xitwa meta jaghmel is-silg u jista’ johloq xi periklu.

Biex titla’ hdejn is-Santwarju minn din it-triq trid saghtejn u siegha u nofs biex tinsel lura. Hemm ‘l fuq minn 1,500 targa.

## X’jistenna li jsib il-pellegrin meta jasal fis-Santwarju:

**Il-Via Sagra** bil-15 il-stazzjon imqassma matul it-triq li mill-pjazza ta’ l-“Stella Alpina” tiehu ghas-Santwarju.

**Il-Via Matris** - sebgha niccec dedikati lis-seba’ duluri ta’ Marija Sssma

**Il-Kappella tal-Qrar** li tinsab f’nofs it-tarag tal-pjan ta’ taht is-Santwarju

**L-Iskala Santa** imitazzjoni bhal dik ta’ Ruma. Tinsab fil-kappella tal-Qrar.

**Il-kappella ta' l-Adorazzjoni** tista tghid rokna fejn tispicca l-Iskala Santa dedikata lil Ewkaristija.

**Is-Santwarju** nnifsu.

**Ritratt tas-Sindone** jew Lizar ta' Kristu.

**Maghrufa bhala r-Rassegna Mater Dolorosa**, wiehed isib kollezzjoni ta' 80 statwa ta' l-Addolorata l-aktar meqjuma fid-dinja.

**Is-Sepulkru ta' l-Eremiti**. Lok tad-Dfin ta' l-Eremiti li kienu jghixu fiz-zminijiet l-imghoddija. Hawn hu post ta' talb ghal-erwieh li hallew din id-dinja bit-tama tal-qawmien.

**Il "Sacellum Pietatis":** il-lok fejn skont it-tradizzjoni insabet ix-xbiha ta' Marija Addolorata 24 Gunju 1522. Dan hu l-gnien tas-Santwarju.